MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 185/2009

**Vincent Calleja I.D. 100151 (M)**

**Vs**

**Vogue Labels Limited C 2620**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita tieghu premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma globali ta' erbat elef, sitt mija u sitta u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmi (Ewro 4636.82) mis-socjeta' konvenuta lil attur dovuti bhala prezz ta' merkanzija mis-socjeta' konvenuta lil attur ordnati u mill-attur lis-socjeta' konvenuta debitament kkonsenjati u kif originarjament pattwit.

Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-7 ta' Frar 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta’ €4636.82 bl-imghax legali mill-21 ta’ Mejju 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------